MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

24 ta' April, 2018

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tgħarraf lill-pubbliku li:

## Is-Sur Pierre Camilleri - Aqualux

ma onorax id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Il-konsumaturi kienu qabbdu lill-bejjiegħ biex jagħmel xogħol ta' *plumbing*, iżda ssottomettew li wara xahar u nofs waqa' lura fix-xogħol. Il-wegħdiet li kien jagħmel li ser ikompli x-xogħol qatt ma seħħew u injora diversi ittri u telefonati min-naħa tal-konsumaturi.

Minbarra hekk, il-konsumaturi qalu li  kellhom iqabbdu *plumber* ieħor li sab ħafna nuqqasijiet  fix-xogħol li għamel ta' qablu.

Il-bejjiegħ qatt ma ssottometta risposta u lanqas attenda għas-seduti tat-Tribunal, minkejja li l-istess Tribunal ddikjara li kien debitament notifikat.

It-Tribunal laqa' t-talba tal-konsumaturi u  ordna lill-bejjiegħ iħallas lura  is-somma ta'  €1, 583 lill-konsumaturi.

Josephine Borg

Direttur Ġenerali (Affarjiet tal-Konsumatur)